XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 404*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 32*
*Il-Ġimgħa 19 ta'Frar, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.40pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 403 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament. Ġew approvati wkoll il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika.*

*(F'dan il-ħin, is-6.55pm daħal il-Viċi Sindku)*

## 1. Tender 2010/01 – Bini ta' Latrini Pubblika fi Triq Ħamrija

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu seba' offerti. Dawn huma ta' Emanuel Buhagiar (€36,304.84), Joseph Attard (€53,432.25), Emanuel Mintoff (€37,518.82), Joe Sciberras & Mario Muscat (€55,789.82), Bugeja Bros (Gozo) Ltd (€40,992.30), Gatt Tarmak Ltd (€40,999.00) u ta' GV Gozo Dev. Co. Ltd. (€49,616.00).

Is-Sindku iddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni. Il-Viċi Sindku kompla jippresjedi matul din id-diskussjoni.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar din l-offerta u qabel li għandna nagħmlu kopja tal-Bill of Quantities u ngħadduhom lill-Perit Edward Scerri (li huwa inkarigat minn dan il-proġett) biex jagħmel rapport dwar l-offerti kollha mitfugħha. Il-Kunsill qabel li lill-Perit m'għandnix ngħaddulu dettalji ta' min tefa' l-offerti.

## 2. Kwotazzjoni 2010-01 – Xiri ta' Cold Asphalt

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' Cold Asphalt. Dawn huma ta' Gatt Tarmac Ltd (€70.80), ta' Joseph Attard (€100) u ta' Road Constructions Ltd (€50.66). Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi aċċettata l-istima ta' Road Constructions Ltd li hija l-aktar vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel ukoll li meta jsir l-ewwel xogħol ta' patching bil-cold asphalt għandna naraw li l-cold asphalt ikun ta' kwalita tajba.

**3. Kwotazzjoni 2010-02 Kiri ta' Romblu / 2010-03 Kiri ta' Trakk (għall-Cold Asphalt)**

Is-Sindku iddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni. Il-Viċi Sindku kompla jippresjedi matul din id-diskussjoni.

Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet flimkien peress li dawn jikkonċernaw xogħol ta' patching u għalhekk ir-romblu u t-trakk iridu jkunu tal-istess kuntrattur. Dwar kwotazzjoni 2010/02 għall-Kiri ta' Romblu, fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu ħames kwotazzjonijiet li huma ta' Joseph Magro (Compactor €10, 1 Ton 3ft €12, 2 Ton 3.5ft €15), ta' Emanuel Buhagiar (€16.80), ta' A&E Mintoff Co Ltd (€16.49), ta' Joseph Attard (€16.00) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€12.39).

Dwar kwotazzjoni 2010/03 għall-Kiri ta' Trakk fil-kaxxa tal-offerti, sal-ħin tal-egħluq intefgħu sebgħa kwotazzjonijiet li huma ta' Giovann Vella (€17.50), ta' Joseph Magro (3.5 Tons €15, 7.5 Tons €20), ta' Emanuel Buhagiar (€19.60), ta' A&E Mintoff Co Ltd (€16.49), ta' Mario Muscat (€25.00), ta' Joseph Attard (€19.99) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€12.39).

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dawn l-kwotazzjonijiet. L-aktar offerta vantaġġjuża hija ta' Gatt Tarmac Ltd. Iżda f'dan il-ħin qamet il-mistoqsija dwar jekk Gatt Tarmac Ltd jaċċettax li jmur bit-trakk tiegħu għand Road Construction Co Ltd (li kien ingħata l-offerta dwar il-Cold Asphalt – Kwotazzjoni 2010-01). Għalhekk ġie deċiż li nikkuntattjaw lil Mario Gatt biex naraw jekk hux lest li jaċċetta li jmur għal cold asphalt minn għand Road Construction Co Ltd. Is-Segretarju kkuntattja lil Mario Gatt (fuq il-mobajl) u nfurmah dwar dan. Mario Gatt wieġeb li m'huwiex prattikabbli li jmur bit-trakk tiegħu għand Road Constructions Co Ltd biex jgħabbi l-cold asphalt (għar-raġuni li huwa stess jissupplixxi l-cold asphalt). Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li l-aktar stima vantaġġjuża hija ta' Joseph Magro. Ix-xogħol ta' patching bil-cold asphalt ser isir minnhu bl-użu ta' trakk u romblu.

**4. Kwotazzjoni 2010-04 - Kiri ta' Gaffa u Trakk**

Is-Sindku iddikjarat interess pekunjarju u ma ħaditx sehem f'din id-diskussjoni. Il-Viċi Sindku kompla jippresjedi matul din id-diskussjoni.

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu sitt kwotazzjonijiet għal xogħol ta' tindif ta' skart permezz tal-gaffa u trakk. Dawn huma ta' Gatt Tarmac Ltd (Gaffa €16.50, Trakk €16.50 kull trakk eskluż tipping fees), ta' Joseph Attard (Gaffa €18.99, Trakk €99.00 kull trakk), ta' Giovann Vella (Gaffa €19, Trakk €58 kull trakk), ta' Joseph Magro (Gaffa €20, Trakk €15 ta' 3.5 tons, €20 ta' 7.5 tons, kull trakk eskluż tipping fees), ta' A&E Mintoff Co Ltd (Gaffa €16.49, Trakk €39.60 kull trakk eskluż tipping fees – tipping fees ta' skart magħżul €4.13 kull tunnellata u ta' skart imħallat €8.26 kull tunnellata), u Emanuel Buhagiar (Gaffa €28, Trakk €19.50 kull trakk eskluż tipping fees – tipping fees €3 għal kull tunnellata).

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dawn il-kwotazzjonijiet u qabel unanimament li l-aktar waħda vantaġġjuża hija ta' Giovann Vella. Għalhekk Giovann Vella ser jagħmel xogħol ta' tindif ta' skart u terrapien ieħor li ntefa matul l-aħħar xhur fl-inħawi magħrufa Ta' Lambert.

**5. Kwotazzjoni 2010-05 – Sustainable Energy Action Plan**

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħet kwotazzjoni waħda dwar Sustainable Energy Action Plan. Din hija ta' Econing Eng. Cons. Ltd (€3700). Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li permezz ta' email li daħlet fit-12 ta' Frar 2010 waslet kwotazzjoni oħra dwar Sustainable Energy Action Plan. Din hija ta' Malta Intelligent Energy Man. Agency (MIEMA). Il-Kunsill qabel li peress li din il-kwotazzjoni waslet tard (l-offerti kienu jagħlqu fil-5 ta' Frar 2010) ma tistax tiġi kkunsidrata.

Is-Sindku pproponiet li peress li aktar tard dan ix-xahar ser issir il-laqgħa tas-Sindki u dan is-suġġett se jiġi diskuss, m'għandix tittieħed deċiżjoni għalissa u b'hekk nilħqu niġbru aktar informazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk mhux ser tittieħed deċiżjoni illum.

**6. Kwotazzjoni 2010-06 u 2010-07 – Akkomodazzjoni**

Fil-kaxxi tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu erba' kwotazzjoni dwar Akkomodazzjoni għall-studenti/uffiċċjali (meta jkun qed isir l-iskav f'Għar ix-Xiħ) f'Ġunju/Lulju (2010-06) u erba' kwotazzjonijiet oħra (meta jkun qed isir l-iskav f'Tal-Loġġa) f'Lulju/Awwissu (2010-07). Dawn huma ta' Ulysses Village Ltd (2010-06 €32, 2010-07 €33), ta' Hotel Calypso (2010-06 €52, 2010-07 €65), ta' St Joseph Home (2010-06 €21.75, 2010-07 €21.75), u ta' Mariblu Gozo Ltd (2010-06 €40, 2010-07 €40).

Il-Kunsill qabel unanimament li fil-każ taż-żewġ kwotazzjonijiet St Joseph Home għandhom l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża u għalhekk għandhom jiġu aċċettati. Is-Segretarju tal-Action Committee s-Sur George Azzopardi se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni u b'hekk ikun jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ. L-ispejjeż dwar l-iskav imsemmi ser jinqassam flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Sannat peress li dan il-proġett qed isir flimkien.

**7. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-24**

**8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. **Skemi ta' fondi Speċjali.** Il-Kunsill irċieva aktar Memo's dwar skemi għall-fondi speċjali. Is-Segretarju qed jibgħat il-Memo's kollha lill-membri tal-Kunsill u b'hekk kulħadd ikun infurmat dwarhom. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-fondi speċjali u b'hekk il-Kunsill ikun jista' iwettaq aktar xogħlijiet għal ġid tar-raħal tagħna. Il-membri kollha huma imħeġġa sabiex jibgħatu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv u b'hekk tkun tista' issir l-applikazzjoni. Fost oħrajn il-Kunsill qabel li għandna napplikaw dwar l-iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw dwar il-proġett tal-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini, fejn fis-sajf li ġej se jitkompla l-iskav f'Għar ix-Xiħ u f'Tal-Loġġa.

ii. Noel Formosa mill-Ministeru Għal Għawdex stieden lill-Kunsilli Lokali biex juru l-interess tagħhom dwar proġett li ser isir mill-Ministeru fejn il-pjazez kollha jistgħu

jibdew jiġu mixgħula b'enerġija alternattiva. Il-Kunsill qabel li nibgħatu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pjazez li għandna fir-raħal tagħna.

iii. Permezz ta' Memo 28/2010, id-Dipartiment talab lill-Kunsilli Lokali biex sal-15 ta' Marzu 2010 jagħżlu waħda mill-iskemi dwar ġbir ta' skart separat u anke jibdew il-proċess biex joħorġu sejħa għall-offerti dwar ġbir ta' skart organiku. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fil-5 ta' Marzu 2010 ser issir laqgħa għas-Sindki ta' Għawdex dwar dan is-suġġett u biex tittieħed deċiżjoni jekk hux il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex ser jingħaqdu flimkien u tintgħażel skema waħda għal kulħadd u anke jekk għandix toħroġ sejħa għall-offerti flimkien jew kull Kunsill għalih jew forsi ninqasmu fi gruppi ta' tlieta jew erba' Kunsilli. Għalhekk il-Kunsill qabel li nistennew li ssir din il-laqgħa u wara nieħdu d-deċiżjoni minn naħa tal-Kunsill tagħna.

iv. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mill-Meusac (Għawdex). Matul din il-laqgħa ngħata tagħrif dwar programmi tal-EU li l-Kunsill jista' japplika għalihom. Fosthom issemmiet is-sejħa dwar tal-pjazez. Għal din is-sejħa l-Kunsilli irid ikollhom permess minn għand il-Mepa biex l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' tiġi magħżula. Issemma' wkoll il-programm ta' Italia-Malta fejn ġie suġġerit li ssir applikazzjoni waħda għall-Kunsilli Lokali ta' Għawdex kollha flimkien. Programm ieħor kien dwar l-Enerġija. Għal din is-sejħa ġie suġġerit ukoll li ssir applikazzjoni waħda f'isem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex kollha. Aktar 'l quddiem il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex se jiġu mitluba aktar informazzjoni biex ikunu jistgħu jsiru l-applikazzjonijiet dwar dawn. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-membru tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ Elaine Zammit Haber kienet għadditilha nformazzjoni dwar laqgħa tal-Muesac li saret Malta, u li hija attendiet f'isem il-Kunsill. Matul din il-laqgħa ġew diskussi l-istess programmi imsemmija mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9. Materja oħra

i. Is-Sindku pproponiet li niktbu ittra ta' ringrazzjament lis-Supretindent tal-Pulizija u lic-Chairman tal-Kumpanija tal-Gwardjani Lokali dwar is-servizz mogħti minnhom waqt l-attivitajiet tal-Karnival li organizza l-Kunsill. Il-Kunsill huwa sodisfatt mis-servizz mogħti u kollox mexa tajjeb. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk se jinkitbu ittri ta' ringrazzjament kif proponut.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li residenta minn Triq Ħamrija kienet talbitha biex nagħtuha materjal biex tagħmel il-bankina. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtuha l-materjal li għandha bżonn.

iii. Is-Sindku pproponiet li nerġgħu niktbu lill-awtoritajiet konċernati dwar ix-xogħlijiet fi Triq Mġarr. Minkejja diversi ittri u emejls li bagħatna dwar dan is-suġġett, il-Kunsill mhux qed jingħata widen. Jekk dan il-proġett isir kif kien ippjanat mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill, ser ikun hemm periklu tat-traffiku kbir speċjalment fejn hemm l-entratura għall-HOS tal-Barmil.

iv. Il-Kunsillier Hubert Saliba ssuġġerixxa li fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira norganizzaw ħarġa għal Malta fejn inżuru diversi wirjiet relatati ma' dan iż-żmien tas-sena. Il-Kunsill

qabel ma' din il-proposta. L-attivita mistenni li ssir nhar l-Erbgħa 31 ta' Marzu. Il-Kunsillier Hubert Saliba se jieħu ħsieb biex jorganizza din il-ħarġa.

v. George Debrincat talab lill-Kunsill biex triq li minn Triq il-Madonna tal-Ħniena twassal għal Triq tal-Ħorob tingħata isem peress li m'għandix. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk se jitlob lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex jibda l-proċess biex din it-triq tingħata isem.

vi. George Debrincat ilmenta mal-Kunsill dwar vetturi għar-rimi, ħadid u skart ieħor li qed jitħalla fi Triq il-Madonna tal-Ħniena u fi triq li twassal għal Triq Tal-Ħorob fejn huwa għandu r-residenza tiegħu. Il-Kunsill b'intervent ukoll minn naħa tal-Mepa kien diġa naddaf dawn l-inħawi. Il-Kunsill kien ukoll irranġa a spejjeż tiegħu l-istess triq peress li kienet fi stat ħażin. Issa l-istess triq reġgħet saret kif kienet peress li xi persuni irresponsabbli għamlu din it-triq qisha scrap yard. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nirraportaw mal-Mepa dwar dan il-każ biex jittieħdu l-passi meħtieġa. Is-Sindku pproponiet ukoll li nitolbu lill-Mepa tinformana jekk bini (front garden) li hemm fi Triq Madonna tal-Ħniena fl-istess inħawi sarx bil-permess tal-Mepa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

vii. Maria Attard, Yvonne Xerri u Esther Bajada li kollha joqgħodu fi Triq San Bert ilmentaw mal-Kunsill dwar il-problema tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill diġa iddiskuta dwar dan is-suġġett matul il-laqgħa pubblika fejn ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel rapport dwar din il-problema u x'jista' jsir biex tissolva. Il-Kunsill qabel li għandna nistennew li nirċievu r-rapport tal-Perit.

viii. Fredu Spiteri talab sabiex Triq Ta' Lambert titranġa peress li tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ f'din it-triq u fl-inħawi tas-Salvatur u żoni oħra mhux urbana. Ser jinxtara r-ramel minn għand Gatt Tarmac Ltd filwaqt li Joseph Magro jillivella permezz tar-romblu. Il-ħaddiema tal-Kunsill tal-iskema eks WSC u tal-iskema tal-ETC se jagħmlu x-xogħol meħtieġ ta' twittija tar-ramel u li jkun hemm bżonn.

ix. Carmel Pace ta' Triq Jean De La Vallette Xewkija, talab biex fit-triq imsemmija issir road hump ohra ftit metri boghod mir-road hump li diġa hemm (fejn il-ground tal-football). Il-Kunsill ma qabilx li għandha issir road hump oħra.

x. Rita Spiteri, Francis Spiteri, Tereża Azzopardi u Paul Azzopardi lmentaw mal-Kunsill peress li triq ġdida fi Triq Majmuna se tingħata isem ġdid u tissemma Triq iċ-Ċnus. Huma talbu li t-triq tibqa' msemmija Triq Majmuna. Il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw mal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq jekk hux possibbli li din it-triq tibqa' Triq Majmuna.

xi. **Tiġdid ta' Kuntratt:-** Il-Kunsill qabel li l-kuntratt dwar Tindif tat-Toroq Urbani li qed jinħadem minn Xewkija Tigers FC għadnu jiġġedded bl-istess kundizzjonijiet għal sitt xhur oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fil-31 ta' Awissu 2010.

xii. **Tiġdid ta' Kuntratti:-** Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntratti li għandna mad-Dipartiment Għall-Proġetti u Żviluppi dwar Manutenzjoni ta' Toroq u dwar Manutenzjoni ta' Tabelli u Marki tat-traffiku għandhom jiġġeddu għal sena oħra u għalhekk ser ikunu jgħalqu fil-31 ta' Marzu 2011.

xiii. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill dwar ilment li rċieva biex fi Triq Kav. L. Z. Haber teħel lampa ġdida peress li hija mudlama. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw biex teħel din il-lampa ġdida.

xiv. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li saritlu talba biex teħel lampa ġdida fi Triq Ħamrija kantuniera ma' Triq Sannat. Il-Kunsillier Mizzi qal li għad irid imur fuq il-post biex jara eżatt fejn tista' teħel din il-lampa. Peress li din hija triq arterja l-Kunsill qabel li t-talba biex teħel din il-lampa għandha ssir lill-Ministeru Għal Għawdex.

xv. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li kellu nformazzjoni li l-Pedestrian Crossing li huma proposti fi Triq Ħamrija u li kienu ġew approvati mill-ADT (illum TM) xi snin ilu, jistgħu jsiru bis-sistema tat-traffic lights. Għalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jagħmel talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir u anke nibgħatu l-approvazzjoni minn naħa tat-Transport Malta dwar dan. Triq Ħamrija hija triq arterja u għalhekk ix-xogħol meħtieġ irid isir mill-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tat-TM biex il-pedestrian crossing isiru bis-sistema tat-traffic lights. Meta jkolna din l-approvazzjoni, ngħadduha lill-Ministeru Għal Għawdex biex isir ix-xogħol meħtieġ.

xvi. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li fi Triq Bennejja tabella tat-traffiku Give Way nqagħlet. Il-Kunsill qabel li nordnaw tabella ġdida biex titwaħħal fil-post imsemmi.

xvii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ftit tal-jiem ilu kienu ċemplulha biex tattendi laqgħa mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għal Għawdex, is-Sur Joe Xerri. Il-laqgħa saret l-iskola primarja tax-Xewkija u preżenti kien hemm ukoll is-Surmast tal-iskola s-Sur Saviour Tabone u anke s-Sur Victor Grech (għalliem). Is-Sur Xerri infurmahom dwar il-ħsieb li hemm biex is-sular ta' fuq tal-iskola jittieħed għal użu differenti, jiġifieri jibda jilqa' fih ħaddiema, fosthom ħaddiema klerikali. Huwa semma' kif għandhom isiru xi xogħlijiet biex partijiet mill-iskola jingħalqu jew jinfetħu skond il-ħtieġa. B'hekk l-iskola jibqala biss is-sular t'isfel. Is-Sur Xerri semma wkoll il-fatt li peress li l-popolazzjoni tal-iskejjel qed tonqos, huwa possibbli li fil-futur xi skejjel jgħalqu u t-tfal ta' dak ir-raħal partikulari jibdew jattendu fi skola f'raħal ieħor. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li matul dik il-laqgħa hija għamlitha ċara li ma taqbilx ma' din il-proposta peress li dan żgur li ma jkunx ta' ġid għat-tfal tax-Xewkija. Is-Sindku qalet li din mhix proposta kienet imma deċiżjoni diġa meħuda minn naħa tal-awtoritajiet konċernati. Il-Kunsill qabel mas-Sindku dwar dan l-argument u ma jaqbilx li l-iskola tax-Xewkija għandha tiċċekken aktar milli diġa ċkienet meta xi klassijiet ingħataw lill-MCAST. Il-Kunsill qabel li l-iskola primarja tax-Xewkija għandha tibqa' taqdi il-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal u tal-poplu tax-Xewkija.

xviii. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jibda jesplora l-possibilta li jħaddem skrivan ieħor peress li x-xogħol amministrattiv żdied ħafna matul l-aħħar snin. Il-Kunsill qabel li għandna niksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar din il-possibilta.

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku